MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-15 ta' April, 2015

Rikors Numru. 964/2014

**Ray Bondin u Mary Anne Bondin għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Express Travel Limited (C5997)**

**vs**

**Albert Vassallo (ID 174465M)**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-4 ta' Novembru, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti Ray Bondin u Mary Anne Bondin għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Express Travel Limited talbu li din il-Qorti terġa' tagħmel eżegwibbli, għall-finijiet tal-Artikolu 258(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, it-titolu eżekuttiv li s-soċjetà rikorrenti tgawdi kontra l-intimat Albert Vassallo bis-saħħa ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-30

ta' Novembru, 2001, fl-atti tal-kawża fl-ismijiet "Ray Bondin u Mary Anne Bondin għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Express Travel Limited vs Albert Vassallo (Ċitazz. Nru. 289/94DS) u dan għaliex għaddew aktar minn għaxar (10) snin minn mindu l-imsemmi titolu seta' jkun eżegwit.

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Frar, 2015, li bih qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ għas-seduta tad-9 ta' Marzu, 2015.

Rat li l-konvenut għalkemm ġie debitament notifikat skont il-liġi, naqas li jippreżenta risposta fiż-żmien lilu mogħti u lanqas deher għas-smigħ tad-9 ta' Marzu, 2015.

Rat l-atti kollha tal-kawża, magħduda l-provi dokumentali mressqin mir-rikorrenti.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Marzu 2015 fejn ir-Rikors tħalla għall-provvediment.

**Ikkunsidrat:**

Illi din hija azzjoni taħt l-artikolu 258(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex sentenza li għaddiet f'ġudikat terġa' tiġi reża eżegwibbli wara li għaddew iżjed minn għaxar snin minn meta ngħatat.

Ir-rikorrenti jgħidu li:

*"...permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti diversament ippresjeduta tat-30 ta' Novembru 2001, fl-ismijiet Ray Bondin u Mary Anne Bondin għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Express Travel Limited vs Albert Vassallo (Ċitazz. Numru 289/94 DS), l-intimat odjern Albert Vassallo kien ġie kkundannat iħallas lis-soċjetà attriċi is-somma ta' sitt elef, ħames mija, wieħed u tmenin Lira Maltija u erbgħa u tmenin ċenteżmu (Lm6,581.84) illum ekwivalenti għal ħmistax -il elf, tlett mija u wieħed u tletin Euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€15,331.59), bl-imgħax mid-data tas-sentenza msemmija.*

*Illi din is-sentenza qatt ma ġiet appellata u għalhekk għaddiet in ġudikat kif jirriżulta mill-kopja legali u dikjarazzjoni tar-Reġistratur tal-Qrati, annessi mar-Rikors.*

*Illi s-soċjetà rikorrenti għadha sallum ma tħallset l-ebda parti minn dan il-kreditu lilha dovut u għalhekk l-ammont kollu għadu dovut lilha bl-imgħaxijiet relattivi.*

*Illi għaddew aktar minn għaxar snin mis-sentenza.*

*Għaldaqstant, ai termini tal-Artikolu 258(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, is-soċjetà rikorrenti preżenżjalment qed titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrendi eżegwibbli s-sentenza tagħha fuq imsemmija tal-Prim'Awla kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi sabiex is-soċjetà rikorrenti tkun tista' tieħu dik l-azzjoni eżekuttiva meħtieġa sabiex tieħu dak li huwa dovut lilha".*

Billi s-sentenza baqgħet ma ġietx eżegwita, u għaddew għaxar snin minn meta setgħet tiġi eżegwita, ai termini tal-Artikolu 258(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi:

**Decide**

**Għar-raġunijiet kollha premessi, u fil-kontumaċja tal-intimat, din il-Qorti, qegħda tilqa’ t-talba tas-soċjetà rikorrenti kif dedotta, bl-ispejjez kontra l-intimat.**

Moqrija

**Onor. Lawrence Mintoff LL.D.**

**Imħallef**

**Frederick Stagno Navarra**

**Dep. Reġ.**

< Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------